MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 127/2006

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar)
vs
Christopher Zammit, iben Joseph, imwieled Attard fil-11 ta’ Settembru, 1963, Karta ta’ l-Identita numru 512763(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fit-2 ta’ April, 2005 għal ħabta tat-3.30 a.m. fi Triq ix-Xatt tal-Pwales fix-Xemxija, limiti tal-Mellieħa, waqt li, kien qed isuq vettura tat-tip Toyota, bin-numru tar-reġistrazzjoni ZAM 119, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fis-sewqan, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna l-mewt ta’ Roderick Grima, ta’ 20 sena, mill-Mosta, kif ukoll feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Jacqueline McKay Saliba, ta’ 33 sena, min-Naxxar;

2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi kien qed isuq l-istess vettura u cioe' van Toyota, bin-numru tar-reġistrazzjoni ZAM 119, b'nuqqas ta' kont, b'manjiera traskurata u/jew perikoluza;
3. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi għamel ħsara nvolontarja fuq il-vettura tat-tip Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG 831, għad-dannu ta' John Mary Grima.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, l-imputat jiġi skwalifikat minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Jannar, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 225, 226, 328, 20, 17(b), 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 15(1)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjoni eżebiti mill-partijiet.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li għal ħabta tat-3.30 a.m. tat-2 ta' April, 2005 ġie rappurtat inċident stradali li seħħ fi Triq il-Pwales, ix-Xemxija. L-inċident seħħ bejn vettura tat-tip Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG 831,

misjuqa minn Roderick Grima, ta’ 20 sena mill-Mosta u van ‘pick up’ tal-marka Toyota, bin-numru tar-reġistrazzjoni ZAM119, misjuqa minn Christopher Zammit, l-imputat, ta’ 41 sena min-Naxxar. Flimkien ma l-imputat kienet riekba Jacqueline McKay Saliba, ta’ 32 sena min-Naxxar li hi s-sieħba ta’ l-imputat.

Illi l-vettura misjuqa minn Roderick Grima kienet ġejja min-naħa tal-Mellieħa, fil-waqt li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet sejra lejn id-direzzjoni tal-Mellieħa. L-inċident kien wieħed frontali u kien vjolenti tant li l-vettura misjuqa minn Roderick Grima, Honda Civic, spiċċat ‘total loss’. Il-vetturi ma ħallew ebda tip ta’ brake marks fuq l-asfalt.

Illi konsegwenza ta’ dan l-inċident Roderick Grima tilef ħajtu fil-waqt li Jacqueline McKay Saliba ġarrbet feriti ta’ natura ħafifa. L-imputat sofra feriti ta’ natura gravi.

Illi l-inċident ġara fil-parti d-dritta ta’ Triq il-Pwales li tinsab fin-naħa ta’ ġewwa tal-bajja ta’ San Pawl il-Baħar. L-inċident ġara ftit wara l-liwja hekk if wieħed ikun nieżel in-niżla tax-Xemxija.

Illi dak iż-żmien li ġara l-inċident il-kareġġjata kienet maqsuma b’linja bajda. PS664 Jason Scerri li kien wieħed minn tal-ewwel fuq il-post xehed li l-vettura Honda kienet fil-linja tagħha u cioe’ kienet fil-karreġjata ta’ ħdejn il-baħar. Xehed ukoll li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet bil-quddiem tagħha fuq il-linja l-bajda li tifred il-karreġjata. Fuq kollox dan il-fatt hu avvalat miż-żewġ periti li xehdu f’din il-kawża fejn it-tnejn waslu għal konkluzjoni li bħala fatt il-Honda kienet fuq in-naħa t-tajba tal-karreġjata, jiġifieri kient qegħda fuq ‘the proper side of the road’.
Minbarra dan, jirrizulta ampjament li dik it-triq partikolari u speċifikatament fejn ġara l-inċident kienet waħda wiesa’. Dan il-fatt jirrizulta mir-ritratti li ġew eżebiti fl-atti ta’ din il-kawża. Hemm sett partikolari li ġew meħuda eżatt wara li ġara l-inċident fid-dlam u sett ieħor (fol.91 tal-proċess verbal) meħuda matul il-ġurnata fid-dawl. Mhemm l-ebda dubju li l-kareġġjata dak in-nhar ta’ l-inċident kienet waħda wiesa ħafna u is-sottomissjonijiet da parti ta’ l-imputat ta ‘

xi ostaklu li kien hemm mhumiex attendibili. Kien xogħolijiet f'dik it-triq iżda mhux fejn ġara l-inċident u dawk ix-xogħolijiet ma setgħu qatt joħolqu xi ostaklu għas-sewqan ta' l-imputat. Anzi, kieku kien hekk, l-imputat kellu l-obbligu li jsuq b'kawtela aktar min-normal. Il-kwistjoni tal-pozizzjoni tal-karozzi ġiet ukoll diskussa minn PS746 Jeffrey Attard MacCarthy li xehed li l-Honda kienet fil-lane tagħha waqt li t-Toyota qabzet fuq il-lane tal-Honda li kient ġejja mill-Mellieħa. Jiġi rilevat li fejn ġara l-inċident it-triq hi wiesa tlieta u għoxrin punt sitt metri (23.6m).

Illi l-inċident ġara fl-abitat u il-veloċita' tal-vetturi ma kellhiex teċċedi it-80 kilometru fis-siegħa. Il-wiċċ tat-triq kien xott waqt li l-kondizzjoni tat-triq kienet tajba. Minbarra dan, it-temp kien tajjeb.

Illi mill-provi prodotti ma kemm ebda indikazzjoni b'liema veloċita' kienu qed jinsaqu dawn iż-żewġ karozzi. Fil-viċinanzi kien hemm 'speed camera' iżda din ma kinitx qed taħdem fil-ġurnata ta' l-inċident u ma kien hemm ebda xhieda okulari.

Illi r-rikostruzzjoni ta' dan l-inċident hi bazata fuq dak li raw l-esperti meta marru fuq il-post. Jidher ċar li din il-kollizzjoni kienet 'a head on collision'. Iż-żewġ vetturi ħabtu fuq quddiem fuq in-naħa tax-xeluq rispettivament. Dan l-inċident seħħ, kif ingħad hawn fuq, fil-karreġġjata tal-fejn kienet qed tinsaq il-Honda.

Illi l-imputat għażel li joffri x-xhieda tiegħu f'din il-kawża. Hu xehed li kien akkompanjat minn Jacqueline McKay Saliba li kienet ħdejh. L-imputat kien qed isuq. Hu xehed dwar il-movimenti li għamlet il-koppja dak il-lejl u fil-ħin ta' l-inċident kienu sejrin lejn il-Mellieħa. Hu xehed li fejn ġara l-inċident hu ħares lejha u kif għolla wiċċa ġie għamieh 'bright' ta' headlamps ta' vettura u ġara l-inċident. Hu nħasad u ma għamel ebda reazzjoni. Skont ix-xhieda tiegħu l-Honda kienet nieżla bla dawl u kien f'dak il-ħin li xegħlhom, hekk kif sab lit-Toyota misjuqa mill-imputat ma wiċċu. Hu xehed li kien miexi fuq in-naħa tiegħu tat-triq bi spedd ta' madwar erbgħin (40) kilometru fis-siegħa. L-imputat jsostni li l-Honda kienet nieżla

b'veloċita' qawwija, ħaditu, prova jikkorreġi t-trajettorja tal-Honda iżda baqa' dieħel ġo fih.

Illi din il-Qorti, u hawnhekk taqbel mal-espert tat-traffiku, l-inċident li seħħ sar minħabba traskuraġni fis-sewqan min-naħa ta' l-imputat. Dan hu ċar mix-xhieda tiegħu stess meta qal li hhu ma għamel ebda reazzjoni ma spiċċa bid-dawl f'għajnejh. Dan ifisser li hu kien qed isuq fuq in-naħa l-ħażina tat-triq u pratikament kien beda biex jaqta l-liwja. Fil-fatt it-triq kienet wiesa biżżejjed li jdur mingħajr ebda problemi u il-pożizzjoni finali tal-vetturi in relazzjoni mal-wiesa tat-triq tindika biċ-ċar li l-imputat ma kienx fuq sidu. Hu ċar li kieku l-imputat dawwar l-isteering fuq in-naħa tax-xelluq zgur li l-inċident ma kienx iseħħ.

Illi mill-eżami nekrodkopiku fuq il-kadavru ta' Roderick Grima jirrizulta li hu miet konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab f'dan l-inċident.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputat kien traskurat fis-sewqan tiegħu u ikkaġuna l-mewt ta' Roderick Grima, kif ukoll għamel feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jacqueline McKay Saliba.

Illi mir-rapport tal-espert mekkaniku fl-atti tal-proċess verbal jirrizulta li l-valur tal-Honda misjuqa minn Roderick Grima u li hi propjeta' ta' John Mary Grima kellha pre-accident value ta' tmien telef liri maltin (Lm8,000) cioe' tmintax il-elf sitt mija u erbgħin euro (€18,640) u il-valur tal-karċassa hu ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233).

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 225, 226(1)(ċ) u 328(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lill-imputat għal piena ta' sentejn priġunerija. Minbarra dan, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena, liema

sena tibda tidekorri wara li jkun skonta l-piena karċerarja. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ elf disa’ mija u sebgħin euro (€1,970) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------